**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A. Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Seduta tal-lum l-Erbgha, 18 ta' Ottubru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**-vs-**

**Noel Mizzi bin Emanuel u Nazzarena nee' Cefai, imwieled fit-18 ta' Dicembru 1975**

**U**

**Frances Mizzi, bint Carmel u Mary Jane nee' Zammit, imwielda fit-23 ta' Lulju 1976**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fil-5, 6 u 7 ta' Awwissu 2016 u fix-xhur ta' wara fil-Qala, Ghawdex u nhawi ohra fil-gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamlu ngurji u/jew theddid fil-konfront ta' Florence Garzia u dan bi ksur ta' Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll taht l-istess dati, lok u cirkostanzi, gabu ruhhom b'mod li taw fastidju lil Florence Garzia u b'tali mod li kienu jafu jew messhom kienu jafu li dan ikun ta' fastidju ghal din il-persuna u cioe' lil Florence Garzia. Dan bi ksur tal-Artikoli 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil Florence Garzia bizgha li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew l-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna familjari ohra taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-qorti qed tigi mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Florence Garzia billi torbot obbligazzjoni kif jidrilha xieraq u dan skont l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda ta' Florence Garzia, Anthony Bugeja, Nazzareno Abela, Kevin Abela, PS 1233 John Attard, Joseph Buttigieg u tal-Ispettur Edel Mary Camilleri li esebiet l-okkorrenza a fol. 119 *et seq* tal-process;

Semghet ix-xhieda tal-imputat Noel Mizzi filwaqt li l-imputata Frances Mizzi ghazlet li ma tixhidx;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi fil-verbal tas-27 ta' Gunju, 2017 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet odjerni jirrigwardaw inkontru jew inkontri li kien hemm bejn l-imputati jew xi hadd minnhom u l-parte civile Florence Garzia fil-granet tal-festa tal-Qala f'Awwissu, 2016. Jirrizulta li l-partijiet kienu jafu lil xulxin qabel u kien hemm xi diverbji jew nuqqas ta' qbil bejniethom qabel l-allegati ncidenti.

Illi fir-rigward tal-parte civile Florence Garzia (fol. 16 et seq) din tixhed li tul l-iljieli bejn il-5 u 6 ta' Awwissu, u 6 u s-7 ta' Awwissu l-imputati kienu jmorru l-kazin tal-banda u fi kliema joqghodu jipprovokaw lilha u lir-ragel taghha. B'mod partikolari tiddeskrivi ncident fejn waqt li hija kienet qed thares lejn il-bar ghadda l-imputat Noel Mizzi minn warajha u skont hi hasset li mbuttaha u waqqalha d-drink:

'f'hin minnhom, jiena nhoss daqqa go dahri, tajjeb, li mbuttatni ghal mal-bar u tajritli d-drink minn idi.' (fol. 24)

Skont l-istess xhud waqt li Noel Mizzi mbotta lil Florence Garzia, l-imputata Frances Mizzi qalet kliem baxx. Skont l-istess xhud dak il-hin Noel Mizzi lissen kliem lis-Surgent John Attard fis-sens 'ghal qalbek Surgent il-lejla'.

Ix-xhud issostni li l-ghada tal-ewwel incident x'hin l-imputati ghaddew minn hdejn ix-xhud li kellha lil binha fuqha l-imputata Frances Mizzi fajret daqqa ta' sieq intenzjonalment lill-minuri ta' seba' (7) snin. Tghid li nqala' paniku minhabba dak li ghamlet l-imputata u li certu Nazzareno Abela ghamel ghall-imputata u gibdilha l-attenzjoni ghal li ghamlet. Konsegwenza ta' hekk dejjem skont din l-istess xhud l-imputat Noel Mizzi beda jghajjar lil Nazzareno Abela. Dak il-hin il-parte civili u r-ragel taghha Anthony Bugeja, dejjem skont din ix-xhud, qabdu t-tfal u telqu d-dar. Ix-xhud gharfet lill-imputati fl-awla. Finalment tghid li nhar is-7 ta' Awwissu mbaghad ma nizlux ghall-festa. Ix-xhud tkompli tispjega li hija taf lil Noel Mizzi stante li kienet f'relazzjoni mieghu qabel l-allegati ncidenti.

L-istess xhud fuq domandi in kontro-ezami tinsisti li wara li rat lill-imputata allegatament tfajjar daqqa ta' sieq lil binha hija ma rreagixxietx u tiggustifika dan ghaliex tghid li huma mhumiex nies tal-glied 'zewgi kulma ghamel huwa, li qabad is-siggu bit-tifel b'kollox u poggieh quddiemu ghal ftit hin. U wara ftit tlaqna, ghax is-sinjuri baqghu hemmhekk hdejna . . . . ahna m'ahniex nies tal-glied. M'ahniex nies li nipprovokaw.' (fol. 23 u 24)

Aktar tard fix-xhieda taghha l-parte civile taqbel fuq domanda in kontro-ezami li fil-jiem tal-festa kien ikun hemm hafna nies fil-pjazza tal-Qala fejn allegatament sehhew l-incidenti u li mal-bar fejn sehh l-incident warajha ma kienx hemm biss l-imputat. Tghid ukoll li ghalkemm is-Surgent ra l-incident tal-bar hija ma kellmitu xejn biex jiehu passi. Ix-xhud tghid li hija ddecidiet li tiehu passi fuq iz-zewg incidenti nhar is-7 ta' Awwissu, 2016 (nhar il-festa) wara li rat l-agir ta' l-imputata Francis Mizzi kontra binha.

Ix-xhud Anthony Bugeja li jigi r-ragel ta' Florence Garzia jikkonferma li fil-5 u 6 ta' Awwissu, mar ma' martu fil-kazin tal-banda tal-Qala u skont hu l-imputati 'kull darba li mmorru hemm hekk, dejjem jigu fuqna' (fol. 35). Anthony Bugeja li huwa ra lill-imputat jaghti daqqa ta' minkeb lil martu u jtajrilha d-drink u dan ghaliex hu kien warajhom, aktar lura minnhom. Mistoqsi jekk ghamilx xi haga meta ra hekk jghid le ghaliex mhux tal-glied. Dwar l-incident tal-ghada 6 ta' Awwissu jixhed kif isegwi:

'Qeghdin bil-qeghda hemmhekk, jien, hawn hekk bil-qeghda, marti hemmhekk, ibni bil-qeghda ma' genbha fuq siggu u l-iehor go hogorha, u kien hemm tnejn ohra nithaddtu maghhom. Ghadda Noel Mizzi minn maghna, baqa' diehel, hekk, is-sinjura Frances Mizzi tat daqqa ta' sieq apposta lil ibni u wegghatlu siequ . . . Lil Lucas. Seba' (7) snin kellu dakinhar.' (fol. 38)

Jghid li hu ma rreagixxiex ghax kien hemm iehor li beda jghajjar lil Frances Mizzi ghal li ghamlet lit-tifel: 'imbaghad indahal is-sur Noel Mizzi wkoll u kien ha jigu fl-idejn, insomma. Imma jiena ma ndhaltx' (fol. 47). Jghid li martu wkoll ma ghamlet xejn.

Jikkonferma wkoll li fil-granet tal-festa kien hemm hafna nies izda jsostni:

'Imma dana ma nafx jiena, kull darba li tmur il-festa u tmur hemmhekk, ma jkunux hemm, x'hin tasal hemm jigu hemm huma! Ahna qatt ma fittixnihom.'

Mistoqsi jekk mexxewx bil-pulizija jikkonferma x-xhieda ta' martu u jghid:

'Jien xtaqt intellghu l-Qorti u ma tellajniehx. Imma mbaghad x'hin tellghuna huma l-Qorti, ghal xejn b'xejn, imbaghad x'ha naghmlu? Tellajniehom.' (fol. 51)

Dan huwa kkonfermat fl-affidavit ta' PS 552 Matthew Grech (fol. 53 *et seq*).

Ix-xhud Nazzareno Abel a a fol. 56 *et seq* tal-process ghalkemm il-parte civile jsostnu li kien ben involut fl-incident ta' lejliet il-festa deher car

waqt id-deposizzjoni tieghu fl-awla li ma kienx lest jikkolabora u jixhed dak li sehh dakinhar tant li a fol. 57 tal-process jew li verament ma kien jiftakar xejn ghax jixhed:

'Jiena kont mal-*bar,* nixrob, u ma rajt xejn.'
Jibqa' jinsisti li ma ra xejn izda jghid li jaf lill-imputati u ma jafx lill-parte civile. Jinsisti li lill-imputata Frances Mizzi huwa qatt ma kellimha. Jghid li dakinhar lanqas ra lill-imputati. Nonostante li ibnu Kevin Abela li xehed ukoll fil-proceduri waqt li d-deposizzjoni ta' Nazzareno Abela kienet sospiza jghid li huwa ra lil missieru jkellem lill-imputat Noel Mizzi u sahansitra wara l-incident mar ifittex lill-imputat ghas-sodisfazzjon, dan ix-xhud ghalkemm imwissi diversi drabi baqa' jinsisti li huwa ma kien jaf b'xejn. Din il-Qorti wara li rat id-deposizzjoni shiha ta' dan ix-xhud u wara li rat ix-xhieda l-ohra kollha b'mod partikolari ta' ibnu Kevin Abela hija konvinta jew li x-xhud tant kien fis-sakra allura verament ma jiftakar xejn (fil-fatt ammetta li kien xorob mill-anqas sitta birra fol. 70) jew li waqt ix-xhieda tieghu kien qieghed jigdeb dwar x'verament sehh.

Kevin Abela waqt ix-xhieda tieghu jaghraf lill-imputati izda jinsisti li mill-incident huwa ma ra assolutament xejn. Fil-bidu tax-xhieda tieghu jibqa' jinsisti li ma ra xejn izda jsostni li Florence Garzia kienet kelmitu u nfurmatu li ser ittella' lil missieru xhud. Dan ix-xhud izda meta rinfaccat b'konverzazzjoni fuq 'face-book' (fol. 93 u 94) mal-parte civile jammetti:

'ghax jien li smajt, minn dak l-istorbju kollu, ghax nifqa' kull m'hawn. U kien hemm missieri hemm, hdejn il-bieb . . . Noel nahseb li qal hekk . . .' (fol. 83)

Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn l-imputat konsegwentement skuza ruhu jghid:

'Ghax imbaghad sibtu, ghidtlu inti ghal missieri mort biex tifqa'? Dan xi erbat (4) ijiem, hamest (5) ijiem wara. Qalli jien lil missierek m'gharaftux dak il-hin, skuzani.' (fol. 86)

Mistqosi jekk kellimx lil missieru l-ghada dwar l-incident jixhed:

'L-ghada ghidtlu x'gara? Qalli ma nafx. Imbaghad ghidtlu, ghidtlu kien hemm Noel, qalli dak Noel kien? L-anqas gharfu lil Noel, missieri!' (fol. 87)

Waqt domandi mill-Avukat tal-parte civile x-xhud jammetti li huwa ra lil Noel Mizzi jghajjat ma' missieru.
Is-Surgent PS 1233 John Attard (fol. 95 *et seq*) li nzerta kien off duty u kien jinsab fejn il-parte civile waqt l-allegat incident fejn allegatament Noel Mizzi mbotta lil Florence Garzia jixhed a fol. 98 tal-process:

' . . l-imputati, dahlu l-club u regghu hargu u waqt li kien hiereg Noel ta daqqa bi spaltu lil Florence u Florence habbtet mal-bar u d-drink tar 'il fuq u gie fuq saqajja. Dort fuq il-barman, ghidtlu . . . ghamilli drink malajr, lil barman ghidtlu ghax tarjuhulha. Ghamilli drink, ghidtilha cheers u dhalt 'il gewwa, jien dak il-hin imbaghad. . . . . Jien daqqa rajtha. Issa jista' jkun li laqatha, jiena rajtha taha daqqa bi spaltu.;

Dan ix-xhud mistoqsi jekk semghax xi diskors da parti tal-imputati jghid li ma semghax diskors izda li Frances Caffari saqsietu jekk semghax dak li kienet qalet allegatament l-imputata. Jikkonferma wkoll li 'kullimkien kien hemm xi ftit tan-nies u mal-barijiet!' Isostni wkoll izda li l-incident sehh fis-saghtejn ta' filghodu u li kien ghad baqa' n-nies fil-pjazza tal-Qala – jghid li dak il-hin ma kienx hemm rassa.

Ix-xhud Joseph Buttigieg a fol. 112 *et seq* jixhed dwar incident li skonthu sehh nhar l-4 ta' Awwissu (lejliet il-*birthday* tieghu li huwa fil-5 ta' Awwissu) u jsostni li waqt li kien mal-koppja parte civile fil-kazin, marru hdejhom il-koppja mputati u fi kliemu sema' lill-imputata tghid kif isegwi:

'X'gew jaghmlu hawn, ghax ma telghux lejn in-Nadur, u tghidilna, ahna nersqu u hi tersaq fuqna, biex ahna nitilqu. U ahna bdejna nwarrbu f'genb u bdew jersqu fejna. Imbaghad warrabnihom biex ma nkomplux inkabbru l-haga.'

Jghid li dakinhar ma kellhomx it-tfal u li l-koppja parte civile huma hbieb u jiftakar lil Florence Garzia titwieled.

L-imputat Noel Mizzi a fol. 122 *et seq* xehed li skont hu kienet l-istess Florence Garzia li harget idejha 'l barra mal-bar bi drink f'idejha biex hu

jahbat maghha. Jghid ukoll li bir-rassa huwa habat maghha. Skont hu d-drink ma waqa' fuq hadd hlief fuqu. Jichad diversi drabi li dan l-incident sar apposta. Wara dan l-incident skont l-imputat Florence Garzia bdiet taghmillu mossa daqs li kieku huwa mignun. Jghid li kien hemm certu Doris Scerri hdejh u qaltlu biex ma jaghtix kazha. Jixhed ukoll li dak il-hin martu l-imputata ma kinitx hdejh. Fir-rigward tax-xhieda tas-Surgent li kien prezenti jghid li Florence Garzia kienet qed thares lejn l-imputat meta sehh l-incident u li s-Surgent ma ra assolutament xejn ghax kien qed ihares fid-direzzjoni opposta. Jispjega li waqt l-incident huwa laqat minkeb il-parte civile dejjem ghax skont hu hargitlu f'nofs il-passagg. Jsostni li wara l-incident ghalkemm ixxarrab ma ghamel xejn, baqa' sejjer u kien hemm Doris Scerri li qaltlu biex ma jaghtix kaz.

Dwar l-allegat incident ta' martu gurnata wara jghid li ma ra xejn ghax kien miexi fuq quddiem izda jispjega li kien l-istess tip ta' incident fis-sens li martu hierga mit-toilet fir-rassa tal-festa, il-passagg zghir (madwar zewg piedi) u setghet laqtet is-siggu. Jghid li huwa ra lill-parte civili tghajjar lil martu selvagga. Mistoqsi mill-Qorti jekk dakinhar qalx xi kliem jichad li qal xi haga …. Izda mbaghad jixhed li jista' jkun li qal lil martu biex ma taghtix kashom. Mistoqsi dwar jekk dakinhar kellimx lil Nazzareno Abela jghid li le u jichad li huwa skuza ruhu ma' ibnu Kevin Abela u jixhed kif isegwi:

'Jien m'heddidt lil hadd u m'ghiddtlux ghid lil missierek skuzani, ghidtlu lil missierek l-anqas kont gharaftu li kien hu. Dak il-kliem ezatt li ghidtlu.'

Tul id-deposizzjoni tieghu l-imputat isostni li kien hemm diversi nies dakinhar tal-allegati l-incidenti u li ser itellaghhom jixhdu biex jikkonfermaw il-verzjoni tal-fatti tieghu izda hadd minn dawn ix-xhieda ma tressaq quddiem il-Qorti.

Da parti taghha l-imputata l-ohra ghazlet li ma tixhidx.

**Ikkunsidrat ulterorjorment:**

Illi fil-kaz odjern il-parte civile jilmentaw principalment minn zewg incidenti li allegatament sehhew fl-iljieli bejn il-5 u 6 ta' Awwissu, 2016 u s-6 u 7 ta' Awwissu, 2016 fil-kazin tal-banda fil-Pjazza tal-Qala waqt il-

hin tal-festa. Fl-ewwel incident allegatament l-imputat ta daqqa ta' minkeb apposta lil Francis Garzia waqt li kien miexi warajha hdejn il-bar b'rizultat li waqqalha d-drink li kellha f'idejha. Il-parte civile tinsisti li l-imputat ghamel dan apposta. Is-Surgent John Attard li kien xhud okulari tal-incident, ghalkemm mistqosi diversi drabi, ma jikkonfermax li dak li ra hu sar apposta mill-imputat anzi jghid li jista' jkun li l-imputat laqat lill-parte civile u wkoll jixhed li l-imputat laqat lill-parte civili bi spaltu u mhux bil-minkeb (kif xehedu l-parte civile). Da parti tieghu l-imputat Mizzi mill-ewwel ammetta li l-incident sehh izda jghid li ma kienx apposta anzi jsostni li kienet il-parte civile li hargitlu f'nofs il-passagg apposta sabiex hu jolqotha. Apparti hekk fix-xhieda taghha Francis Garzia ssostni li Noel Mizzi qal certu kliem lis-Surgent John Attard izda dan ta' l-ahhar ma kkonfermax li ntqal dan il-kliem. L-istess Surgent ukoll ma kkonfermax li kien hemm mart l-imputat waqt dan l-incident kif allegat Francis Garzia.

Din il-Qorti in vista tal-kunisderazzjonijiet suesposti u wara li gharblet il-provi kollha tqis li hemm kontradizzjonijiet bejn dak li xehdet il-parte civili dwar dan l-incident u l-istess xhud okulari taghha s-Surgent Attard li skont hi ra l-incident kollu jsehh. Dan ma jimmilitax favur il-kredibilita' taghha. Min-naha l-ohra l-imputat jaghti verzjoni kompletament diversa dwar kif sehh l-incident. La darba l-verzjoni tal-parte civile ma gietx korroborata fl-interita taghha mix-xhud okulari mressaq minnha stess u la darba l-imputat jichad li dak li sehh sar apposta minnu jirrenja dubju serju dwar jekk dak li sehh sehhx semplicement b'incident fir-rassa tan-nies u possibilment anki ghaliex dahlet ghalih il-parte civili jew jekk kienx ben volut mill-imputat. In vista ta' dan id-dubju ragjonevoli, din il-Qorti stante li dawk odjerni huma proceduri kriminali, tqis li l-allegazzjoni tal-parte civile dwar dan l-incidnet ma gietx sufficjentement pruvata sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali.

Illi dwar l-incident li allegatament sehh lejliet il-festa fejn skont il-parte civile l-imputata Frances Mizzi fajret daqqa apposta lill-minuri ta seba' (7) snin iben il-parte civile din il-Qorti ssibha ferm difficli biex temmen li kieku verament sehh dan l-incident kif deskritt mill-parte civile, li huma ma jirreagixxu xejn ghall-incident f'dak il-mument. Huwa ferm inkoncepibbli tara lil ibnek jaqla' daqqa u ma taghmel xejn kif baqghu jsostnu ghal diversi d-drabi l-parte civile tant li ghazlu li jibqghu bil-qeghda. Il-Qorti ghalhekk tqis li dwar dak li gara dakinhar il-parte

civile qed izommu lura milli jghidu l-verita dwar dak kollu li sehh probabbli biex jghattu l-agir taghhom stess. L-istess parte civile sostnew li kien hemm certu Nazzareno Abela li ndahal fl-argument izda dan ma kkonferma xejn minn dak li xehdu huma ghajr li kkonferma li dakinhar kien hemm. Da parti taghha l-imputata Francis Mizzi ghazlet li ma tixhidx. L-imputat Noel Mizzi jaghti ghal darb'ohra verzjoni diversa ta' x'gara u ghalkemm ma jichadx li martu setghet laqtet is-siggu jinsisti li kienet il-parte civile li qabdet tghajjar lil martu 'selvagga'. Ghal darb'ohra din kienet okkazzjoni fir-rassa tan-nies fil-kazin waqt li l-imputati kienu hergin jew sejrin lejn it-'toilets. M'hemmx dubju li wara li sehh l-incident anki jekk mhux apposta nqala' dizgwid tant li kien hemm kommozzjoni fil-bieb tal-kazin u ghajjat izda ma giex konfermat quddiem din il-Qorti li dan sehh fil-konfront tal-parte civile anzi l-parte civile stess qalu li l-argument kien bejn Noel Mizzi u Nazzareno Abela u ghalhekk ma jaqax fil-parametri tal-akkuzi odjerni. Iben Nazzareno Abela stess jixhed li huwa sema' lil Noel Mizzi jghid certu kliem ta' theddid u li dan kien indirizzat lejn missieru.

Illi minn dak suespost u mill-assjem tal-provi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li bejn il-partijiet hemm animosita' kbira probabilment minhabba l-istorja passata bejn il-parte civile Florence Garzia u Noel Mizzi u ghalhekk kull fejn jaraw lil xulxin dawn jaqbdu jahsbu hazin f'xulxin u ma jifilhux ikunu fil-prezenza ta' xulxin. Il-Qorti fil-fatt tinnota d-diversi drabi li l-parte civile b'mod partikolari Anthony Bugeja jikkumenta waqt ix-xhieda tieghu li jdejquh ghax jinsistu li jmorru hdejhom filwaqt li skont hu huma ma jfittxuhomx. Dan izda ma jfissirx li jekk il-partijiet jitilqghu f'post pubbliku frekwentat tista' tghid minn kulhadd waqt il-festa tal-villagg, li dan jekwivali ghal xi agir ta' fastidju, ingurji, theddid jew sahansitra bizgha li ser tintuza xi vjolenza. Dwar l-incident tal-minuri din il-Qorti ssibha ferm difficli kemm li temmen li l-imputata setghet qabdet u fajret VOLONTARJAMENT daqqa lill-minuri ta' seba' (7) snin kif ukoll li wara li jkun sehh hekk il-genituri tal-minuri cioe' l-parte civile ma jirreagixxux. Jista' jkun li l-imputata laqtet is-siggu fejn kien hemm il-minuri izda ma tressqitx prova oltre r-ragjonevoli d-dubju f'dawn l-atti li dan sar mill-imputata apposta. F'dawn ic-cirkustanzi din il-Qorti stante d-dubju ragjonevoli wkoll ma tistax tasal sabiex ssib htija tal-imputazzjonijiet.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti, stante li tqis l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati ma gewx pruvati lilha oltre r-ragjonevoli dubju, il-Qorti tillibera l-imputati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur